Minuti tat-28 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 3 ta' Dicembru, 2014.
Il-laqgha nbdiet hin 12.08pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-27 laqgha

1.1 Emanuel Muscat gibet l-attenzjoni fuq punt numru 6. Fejn immarka li huwa gie mitlub johrog.

1.2 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

## 2.0 Attivitajiet – Seher il-Punent / Zmien tal-Milied

2.1 Gie imqassam il-flyer li gie ippreparat ghall-festival ta' Seher il-Punent lil membri kollha u gie spjegat x'ser jinkludi fih il-programm. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.2 Gew diskussi ukoll il-kwotazzjonijiet sottomessi.

Kwotazzjonijiet PA System u Light System – Is-Sindku spjega li il-*budget* disponibbli ghall-kwotazzjoni tal-PA System kienet ta' €1000 filwaqt li l-*budget* ghad-dawl kien ta' €500. Gie spjegat ukoll li fir-rigward tal-PA gew sottomessi offerti minghand 2cee Media u Power Sound filwaqt li ghal-Light gew sottomessi offerti minghand 2cee Media u Michael Bugeja. Fiz-zewg kwotazzjonijiet l-irhas offerti sottomessi kienu ta' 2cee Media. Il-Kunsill ghalhekk qabel li 2ceeMedia ghandhom jigu *awarded* dawn iz-zewg kwotazzjonijiet.

Kwotazzjoni ghal servizz ta' transport – Gie spjegat li gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet wahda ta' Paul Borg u ohra ta' Custo' Coaches. L-irhas offerta' sottomessa b'differenza kienet ta' Custo' Coaches. Il-Kunsill qabel li din l-offerta' ghandha tinghata lil Custo' Coaches.

Kwotazzjonijiet ghal Food and Beverages Stalls – Gew sottomessi zewg applikazzjoniet wahda minghand 2cee Media u ohra minghand Joseph Taliana fejn l-aktar wahda vantaggjuza kienet ta' Joseph Taliana. Gie spjegat ukoll li min ser jiehu

l-Bar huwa obbligat jixtri minghand il-Kumpanija li tisponsorizza l-festival li hija General Soft Drinks Co. Ltd. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u qabel li ghandha tigi accettata ta' Joseph Taliana.

2.3 Is-Sindku stieden ukoll lill-Kunsilliera sabiex ikunu prezenti ghall-opening ta' Seher il-Punent li ser jibda' ghal madwar is-6.30pm kif ukoll jaghmlu minn kollox sabiex ikunu prezenti waqt il-festival kollu.

2.4 Gie spjegat ukoll li ghall-attivita' ser ikun hemm bzonn li jintramew zewg tined wahda ghal fuq il-palk u l-ohra ghal Malta Book of Records li ma xulxin ser jammontaw ghal €1000+VAT. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jintuzaw.

**3.0 Zjara mill-E.T. President ta' Malta - 21 ta' Dicembru 2014.**

3.1 Is-Sindku spjega l-Programm li qed jigi imhejji ghal waqt iz-zjara tal-E.T. President ta' Malta nhar il-Hadd 21 ta' Dicembru, 2014 fejn ser tinghata bidu bil-purcissjoni tal-Bambin akkumpanjat mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Qed isiru diskussjonijiet sabiex issir Fun Run mill-Gharb Rangers F.C. Apparti dan ser isir café' tipiku u pastini li ser jigi offrut lill-President u lil min ikun hemm prezenti. Shirley Ann Cecchini staqsiet x'hin ser tkun qeghda fostna l-President fejn gie spjegat li l-hin huwa ghal madwar 9.15am u l-attivita' ser tiehu madwar 45 minuta. Saret diskussjoni ukoll dwar donazzjoni li tista' tinghata mill-Kunsill lill-Community Chest Fund fejn il-Kunsill qabel li ghandu jghin b'kull mezz.

3.2 Il-Kaxxi tad-donazzjonijiet li ser ikunu f'postijiet diversi madwar il-lokalita' fosthom Knisja, Clubs u hwienet ser jingabru lura s-Sibt f' erba' wara nofs in-nhar sabiex jinghadd l-ammont li ingabar. Kulhadd huwa mistieden ikun prezenti.

**4.0 Tigdid ta' kuntratt tal-Latrina ta' Triq Trux**

4.1 Gie spjegat li l-kuntratt tal-latrina ta' Triq Trux wasal sabiex jiskadi u jista' jiggeded ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jerga jigi imgedded.

**5.0 Skeda ta' Hlasijiet**

5.1 Ma' l-iskeda tal-hlasijiet gie approvat ukoll il-kont ta' Anthony Cauchi ghan-nar li intuza waqt l-inawgurazzjoni tal-Knisja li kien jammonta €267.83.

5.2 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**6.0 Korrispondenza u Materji ohra**

6.1 Minghand Maltco Lotteries Ltd fir-rigward ta' monthly newsletter li ser tibda' tinhareg.

6.2 Minghand Maltapost plc fir-rigward ta' rigali li ghandhom disponibbli.

6.3 Minghand Rodeco Group fir-rigward ta' prodotti u xogholijiet fit-toroq.

6.4 Minghand il-MEPA b'applikazzjonijiet godda bin-numru PA3403/14.

6.5 Is-Sindku spjega ukoll li l-lokalita' ta' l-Gharb giet maghzula ghal Windrose Project fejn boxxla tar-rih ser tigi intallata f'Wied il-Mielah. Il-Progett qed isir bhala parti minn Valletta 18. Min-naha tal-Kunsill kull ma jrid isir huwa li jaghti suggerimenti li jista' jkollu u n-no objection tieghu.

6.6 Progett M125 – Gie spjegat li saret laqgha mall-kuntrattur u l-perit fuq il-post dwar ix-xogholijiet li jridu isiru f'Wied ir-Raghab. L-unika haga huwa li ghad irridu naraw meta ser jinbeda' x-xoghol peress li fil-prezent jinzlu hafna kaccaturi u nassaba f'din iz-zona.

6.7 Anthony Camilleri staqsa dwar it-Triq ta' San Dimitri u Triq San Katald. Gie spjegat li l-kontijiet qed jigu finalizzati peress li kien hemm problema li qed tigi diskussa mall-kuntrattur. Wara jistghu jigu diskussi x'toroq jistghu jsiru sabiex jigu inkluzi fil-*budget* tas-sena d-diehla.

6.8 Anthony Camilleri gibed l-attenzjoni li hemm periklu fejn hemm il-hadid fi Triq ta' Wied il-Mielah. Saret diskussjoni fejn sar qbil li ser tintalab approvazzjoni lit-Transport Malta.

6.9 Il-Vici Sindku staqsiet fir-rigward tat-tabelli ta' Triq l-Gharb. Gie spjegat li qeghda tintlab kwotazzjoni ghal dawn it-tabelli.

6.10 Il-Vici Sindku staqsiet dwar it-tappieri tac-Cement. Gie spjegat li l-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd gie infurmat pero' huwa iktar probabli li jsiru minn kuntrattur iehor ghas-spejjez tieghu.

6.11 Is-Sindku spjega li hemm zewg offerti' fis-suq fil-prezent li jghalqu fid-9 ta' Dicembru wahda tal-Progett taht il-Mizura 313, tad-dahla tal-Gharb u ohra tal-Monument ta' l-Isqof Emeritus Nikol G. Cauchi li tinkorpora il-Monument ta' l-Isqof Molina u Jum l-Gharb fl-istess Monument.

6.12 Gie spjegat ukoll li kien hemm target date sabiex fis-17 ta' Dicembru, 2014 tinfetah ufficjalment il-Berga pero' din id-data ser tigi posposta ghas-sena d-diehla. Minkejja dan x'hin kollox ikun f'postu din xorta wahda ser tibda' tintuza. Is-Sindku spjega ukoll li quddiem il-Berga irid jigi irranga bic-cement liema xoghol ser isir mill-haddiem Raymond Rotin li bhalissa ma setghax jibda' x-xoghol peress li huwa marid.

6.13 Gie spjegat ukoll li saret talba lis-Socjeta' tal-Muzew sabiex il-materjal li hemm quddiem il-garage jitpogga b'mod temporanju fil-bitha tal-muzew tas-subien u sadanittant jitpogga anke' xi materjal gewwa il-Garage tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fil-Pjazza. Qabel, dan irid isir qbil maghhom u jinghata lilhom hlas ta' l-uzu. Gie ukoll mitluba kwotazzjoni ghal installazzjoni ta' lift biex l-affarijiet ikunu jistghu jitilghu fuq il-bejt tal-garage. Il-Kunsill qabel unanimament mall-proposti.

6.14 Gie spjegat ukoll li fil-prezent qeghda tigi processata applikazzjoni li saret mill-Kunsill ghal installazzjoni ta' zewg mapep tal-lokalita' wahda fi Triq l-Gharb u l-ohra fil-Pjazza Zjara tal-Madonna. Jekk ser ikun possibli dawn ser isiru *interactive*.

6.15 Shirley Anne Cecchini qalet li s-signs tal-mixja ta' Wied il-Mielah qeghdin kollha jinqalghu u hemm bzonn li jigu irrangati. Gie spjegat li l-Prezz sabiex isiru ohrajn godda jiswa l-flus u huwa ghalhekk li l-ahjar li nirrangaw kif nistghu dawn li ghadna u sadanittant tilhaq taghlaq il-*copyright* taghhom biex inkunu nistghu naghmlu ohrajn godda.

6.16 Harga ta' l-Anzjani – Gie spjegat li l-Kunsill ircieva offerta minghand Alexandra Hotel fejn bl-ammont ta' €30 huma kienu ser joffru dwar fuq il-Hop On Hop Off Bus madwar il-Punent ta' Malta, Ikla ta' Nofsinhar u uzu tal-pool u facilitajiet tal-lukanda. Wara diskussjonijiet ma' l-Alexandra Hotel il-Kunsill irnexxielu ibaxxi l-prezz ghal €25. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza l-harga b'dan il-mod ghaliex hija xi haga anke differenti mill-hargiet precedenti.

6.17 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-party tat-tfal. Gie spjegat li fil-prezent il-Kunsill qed ifittex token li tkun tista' tinghata waqt l-attivita' tal-President.

6.19 Is-Sindku ssugerixxa sabiex jingabu s-sorijiet Ecclesia Sisters li kantaw waqt il-Eurovision biex jattrattaw iktar nies. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

6.20 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Gharb Rangers FC kienu ser jiffirmaw il-kuntratt mall-kuntrattur sabiex isir it-turf tal-ground. Dan ix-xoghol irid ikun iffinalizzat sa l-ahhar ta' Jannar.

6.21 Is-Sindku isugerixxa sabiex hekk kif ikun qed isir ix-xoghol f'din iz-zona jigi *finished* ukoll quddiem ic-changing rooms u fl-istess waqt jinghata isem lic-Changing Rooms. Is-Sindku spjega li fil-passat kien isemmiet il-possibilita' li jisemma' ghal Mario Bajada li kien guvni attiv fil-qasam sportiv u fil-lokalita' u li kien miet tragikament f'incident tat-traffiku. Is-Sindku issugerixxa ukoll li ghandha ssir dikussjoni dwar dan u jsir abbozz u jehel fuq il-post.

## 7.0 Aggornament

7.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 9 ta' Dicembru, 2014 fit-12.30pm minhaba l-offerta tal-M313.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 1.10pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv